*is-sid tal-fond għandu jwieġeb għal 50% tal-ħsara, għaliex kienet id-deċiżjoni tiegħu dwar fejn għandu jitpoġġa l-water heater inkwistjoni li kkontribwixxa għall-ħsara sostanzjali li saret*

**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 402/2012/1 LM

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha John Ranson abbażi ta' polza tal-assikurazzjoni u tal-liġi, u l-istess John Ranson, u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Ġunju, 2016, isem is-soċjetà attriċi ġie mibdul għal Mapfre Middlesea plc**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Emanuel Vella eżerċenti l-Kummerċ taħt l-isem E&M Installations**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Emanuel Vella eżerċenti l-kummerċ taħt isem E&M Installations**, hawnhekk "l-appellant", minn

deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), tat-8 ta' Ottubru, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), li permezz tagħha l-Ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, laqgħet l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti **Mapfre Middlesea plc** u kkundannat lill-intimat iħallasha s-somma ta' €6,868.95, u laqgħet it-tieni talba tar-rikorrent limitatament u kkundannat lill-intimat iħallas lir-rikorrent **John Ranson** is-somma ta' €50 bħala *excess*. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-imgħax fuq iż-żewġ ammonti għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu, 2012, sad-data tal-pagament effettiv.

**Fatti**

2. Fit-talbiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' €6,968.95, li €100 minnhom huma *excess* pagabbli lil John Ranson, rappreżentanti danni u spejjeż anċillari sofferti mis-soċjetà rikorrenti b'riżultat ta' inċident li seħħ fit-13 ta' April, 2012 fid-dar tar-rikorrent John Ranson, meta kwantità ta' ilma li kien ġej mill-*water heater* installat fuq l-*cupboards* tal-kċina tal-assikurat, ikkawża ħsarat estensivi fil-kċina, għal liema ħsara kellha tagħmel tajjeb is-soċjetà rikorrenti abbażi ta' polza tal-assikurazzjoni. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza u traskuraġni da parti tal-intimat jew tad-dipendenti tiegħu, li kien inkarigat biex jinstalla l-*water heater* inkwistjoni, liema *water heater* ma ġiex installat kif titlob l-arti u s-sengħa. Ir-rikorrenti talbet ukoll l-imgħaxijiet fuq dan l-ammont.

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet il-proċeduri odjerni sabiex il-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha d-danni sofferti mill-appellat Ranson konsegwenza ta' xogħol ta' installazzjoni ta' *water heater* li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u li kkaġuna ħsarat fil-kċina fil-fond tal-appellat John Ranson.

4. L-intimat wieġeb li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Qal li ma kien hemm xejn ħażin fix-xogħol li kien għamel, u għall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, ix-xogħol sar kollu skont is-sengħa u l-arti.

5. Quddiem l-Ewwel Qorti xehed **Andrew Pizzuto**, li spjega li huwa *claims manager* mas-soċjetà rikorrenti. Qal li l-assikurat John Ranson kellu *home policy* mas-soċjetà rikorrenti*,* u kien fetaħ *claim* wara li kellu ħruġ ta' ilma minn *water heater* installat fuq il-*cupboards* tal-kċina tiegħu, liema *water heater* kien ġie installat ftit ġranet biss qabel. Dan ix-xhud qal li s-somma komplessiva tat-talba kienet ta' €6,256, li magħhom kellhom jiżdiedu l-ispejjeż tas-*surveyor* u l-*excess* li tħallas minn Ranson sabiex infetħet il-*claim.* Ix-xhud qal li Ranson kien ilu assikurat mas-soċjetà rikorrenti tlieta u għoxrin sena, u qatt ma kellu *claims* qabel. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni, flimkien ma' kopja tar-rapport tas-*surveyor* li sar in segwitu għall-inċident. Iċ-ċirkostanzi ta' dan l-inċident huma dettaljati fir-rapport esebit.[1] Ġew esebiti

[1] *"On the morning of the 13th April, 2012 Mr Ranson found the entire kitchen and adjoining garage/storage area flooded with water. Further investigations revealed that a flexi-pipe feeding a water heater located on top of the kitchen cupboards failed. It should be noted that the water heater was installed just two weeks ago. The plumbers who installed the water heater are E&M Installations of 25, Agman, Triq l-Andar, Siġġiewi. We have already spoken with Mr Emanuel Vella – proprietor of firm about this incident. Mr Vella is denying all responsibility for the incident since according to him the installation was done properly and he cannot be held responsible for a defective product. Whilst we are in agreement that*

wkoll diversi irċevuti rigward ix-xiri u l-installazzjoni tal-kċina inkwistjoni, kif ukoll irċevuti ta' diversi oġġetti li r-rikorrent kellu jixtri mill-ġdid wara l-inċident.

6. Xehed ukoll **James Magri**, *loss adjuster,* li qal li John Ranson fetaħ *claim* mas-soċjetà rikorrenti. Qal li huwa mar fil-fond fejn saru l-ħsarat, u sab li l-parti l-kbira tal-ħsarat sofferti minn Ranson kienu fil-kċina, fejn kien hemm il-*cupboards* mifqugħin bl-ilma, bir-riżultat li l-affarijiet li kien hemm ġo fihom ukoll sofrew xi ħsara. Qal li l-ilma ġie minn *geyser* li kien ġie installat fuq il-*cupboards* tal-kċina madwar ġimagħtejn qabel. Ix-xhud qal li din il-ħsara kienet ġejja minn *flexi pipe* difettuż imwaħħal mal-*geyser,* li fil-fehma tax-xhud ma kienx wieħed ġdid. Ix-xhud qal li waqt li kien fuq il-post, seta' jikkonstata li l-*geyser* inkwistjoni tpoġġa fl-istess post fejn qabel kien hemm il-*geyser* il-qadim, u qal wkoll li meta ġie installat il-*geyser* il-ġdid, il-pajpijiet li kien hemm qabel ma nbidlux, għaliex dawn kienu jidhru li mhumiex ġodda. Ix-xhud qal li din ma kinitx prattika tajba, għaliex minn dak li seta' jikkonstata hu meta mar fuq is-sit, il-*pipe* difettuż ma kienx ġdid, għaliex minkejja li kienu għaddew biss ftit ġranet mid-data tal-installazzjoni, kien ikkonstata l-preżenza tal-ġebla fl-istess *pipe*.

7. L-appellat **John Ranson** spjega li fil-31 ta' Marzu, 2012, huwa kien talab lil E&M Contractors jinstallawlu tank tal-ilma ġdid fuq il-bejt, jaġġustaw it-*thermostat* f'waħda mill-kmamar tal-banju, kif ukoll jibdlu l-*geyser* tal-ilma li kien hemm fil-kċina. Qal li fit-13 ta' April, 2012, għall-ħabta tal-erbgħa ta'

---

*the cause appears to be product failure we advised Mr Vella that we consider him to be also liable for defective products supplied by him. Mr Vella then argued that the pipe in question was in fact supplied to him by Mr Ranson. Mr Ranson has denied this."*

filgħodu, kien sema' ħoss, u meta niżel isfel, sab li l-kċina kienet mgħerrqa fl-ilma. Spjega li huwa seta' jara li kien hemm pajp li ma kienx għadu mqabbad mal-*geyser* inkwistjoni, u meta ċempel lil Vella sabiex dan imur fuq il-post u jara x'kien ġara, dan ukoll seta' jara li fil-post kien hemm 'diżastru'. Qal li dak il-ħin Vella bidel il-*pipe* inkwistjoni u telaq minn fuq il-post, sabiex b'hekk ħallieh inaddaf il-ħsara waħdu. Ranson qal li l-inċident seħħ għaliex il-*pipe* kien difettuż. Ranson qal li meta s-soċjetà assikuratriċi bagħtet *loss adjuster* fuq is-sit, dan wasal għall-konklużjoni li l-kċina kellha tinbidel kollha kemm hi. Ranson qal li għall-ħsarat sofferti minnu huwa kien tħallas mis-soċjetà rikorrenti li kien assikurat magħha. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, Ranson qal li l-intimat kien għamillu diversi xogħlijiet fid-dar tiegħu, u x-xogħol li sar mill-intimat dejjem kien ta' kwalità tajba. Ix-xhud ikkonferma li wara dan l-inċident huwa kien pprova jqabbad lill-intimat sabiex jagħmel xogħlijiet oħra fil-proprjetà tiegħu, iżda dan irrifjuta minħabba fl-involviment tas-soċjetà assikuratriċi. Qal li qabel twaħħal *geyser* ġdid, kien hemm *geyser* ieħor fl-istess post, li kien ilu installat għal diversi snin. Ranson ikkonferma li kien bagħat *email* lill-avukat difensur tal-intimat, fejn qal li l-intimat ma kellux jinżamm responsabbli għall-inċident, għaliex preċedentement l-intimat kien għamel xogħol sew ħafna fil-proprjetà ta' Ranson, kif ukoll għaliex li meta tlestiet l-installazzjoni tal-*geyser,* ma kien hemm l-ebda evidenza ta' xi negliġenza da parti tal-intimat u x-xogħol ġie vverifikat kollu.[2]

8. L-intimat ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, fejn spjega li huwa jaħdem bħala *electrician* u *plumber* u ilu jagħmel dan ix-xogħol għal

[2] Fi kliem Ranson *"In NO WAY could E&M Contractors be blamed & they were certainly not negligent in doing the installation as everything was thoroughly checked before commissioning the systems."*

diversi snin. Qal li meta Ranson talbu jibdel il-*geyser* li kellu installat fil-kċina*,* huwa kien sab li l-*geyser* il-qadim kien ittaqqab, u għalhekk kellu jinbidel. Qal li meta ra li l-*geyser* kien imwaħħal fuq il-*cupboards* tal-kċina, huwa mill-ewwel issuġġerixxa biex dan jitneħħa minn fejn kien, anki għaliex mal-parti ta' wara tal-kċina hemm *garage,* u għalhekk issuġġerixxa li l-*geyser* jitwaħħal fil-*garage*. L-intimat qal li kien Ranson li ssuġġerixxa li l-*geyser* jitressaq aktar 'il ġewwa minn fejn kien il-qadim, imma l-intimat kien qallu li l-pajpijiet li kellu ma kinux ilaħħqu. Qal li kien għalhekk li Ranson offra li jagħtih xi pajpijiet minn tiegħu biex jara jlaħħqux. Qal li huwa lesta x-xogħol, imma wara xi ġimgħa, kien ikkuntattjah Ranson u infurmah li *pipe* minnhom kien spara. Enfasizza li l-*pipe* kien spara u mhux inqasam, u l-kamin tiegħu qaċċat il-kamin tal-*pipe*. Qal li meta mar fuq il-post, sab li l-kċina kienet għerqet, u l-*pipe* li tqaċċat kellu bżonn jinbidel. Qal li fil-fatt minn żewġ pajpijiet installati huwa bidel wieħed biss, dak li kien tqaċċat. L-intimat qal li wara l-inċident, Ranson ċempillu xi tliet darbiet oħra sabiex itih xogħol ieħor fid-dar tiegħu, imma huwa beża' jerġa' jmur għandu. L-intimat qal li kien għadda ftit żmien minn meta Ranson kien talbu jinstallalu tank tal-ilma ġdid fuq il-bejt u jaġġusta t-*thermostat* tal-kamra tal-banju, u biex ibiddel il-*geyser* li kien ittaqqab. Qal ukoll li l-ewwel darba meta mar biex ibiddel il-*geyser,* il-kċina kienet mgħerrqa. Kompla jgħid li minkejja li l-*geyser* twaħħal fl-istess post fejn kien il-*geyser* l-antik, dan iddaħħal aktar 'il ġewwa sabiex ma tantx ikun jidher. Qal li meta ċempillu Ranson it-tieni darba, huwa mar jiġri fuq il-post sabiex jara x'kien ġara, u sab li wieħed mill-pajpijiet użati minnu kien spara. Qal li dakinhar li waħħal il-*geyser,* il-kamin tiegħu kien tajjeb, għaliex altrimenti kien jibda joħroġ l-ilma minnu mill-ewwel. Qal li dan il-kamin kien inqala' minn mal-*angle valve* u kien inqala'

bil-pressa għaliex kien imwaħħal mal-*main* tal-Gvern. Qal ukoll li huwa kien talab lil Ranson iżomm il-*pipe* u jurih lis-soċjetà assikuratriċi sabiex dawn ikunu jistgħu jistabbilixxu l-ħruġ tal-ilma minn fejn kien irriżulta. F'udjenza sussegwenti, l-intimat xehed li meta nqala' l-*pipe*, l-iskorfini tiegħu kienu mwaħħlin ma' xulxin, u kien sab xaqq żgħir fil-parti ta' wara tiegħu. Qal li l-*pipe* inqala' meta ċeda parti mill-materjal tal-*flexible pipe.* Qal li l-ewwel darba li kkuntattjah Ranson għax il-*geyser* il-qadim kien ittaqqab, huwa seta' jara li diġà kienet ġrat xi ħsara fl-għamara tal-kċina. Quddiem l-Ewwel Qorti ġew ippreżentati wkoll diversi ritratti li juru l-*geyser* kif inhu mwaħħal fuq il-*cupboards* tal-kċina, kif ukoll il-*pipe* inkwistjoni wara li dan tqaċċat.

9. Xehed ukoll **Marlon Vella**, it-tifel tal-intimat, li jaħdem ma' missieru. Qal li huwa kien assista lil missieru meta dan mar biex iwaħħal il-*geyser* inkwistjoni. Ix-xhud qal li meta sid il-post talabhom biex iressqu l-*geyser* aktar 'il ġewwa minn fejn kien installat oriġinarjament, huma qalulu li ma kellhomx pajpijiet twal biżżejjed, u għalhekk kien ipprovdilhom xi pajpijiet hu. Qal li l-ewwel darba li hu u missieru marru fuq il-post biex jibdlu l-*geyser* il-qadim, huwa seta' jara li Ranson diġà kellu ħafna ħsara fil-kċina. Ix-xhud ikkonferma li qabel l-inċident, hu u missieru kienu għamlu xi xogħlijiet oħra fid-dar ta' Ranson, u anki wara l-inċident, Ranson kien talabhom jagħmlulu xi xogħol ieħor, iżda huma rrifjutaw. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-ħruġ tal-ilma seħħ għaliex kien hemm xaqq fuq l-iskorfina tal-*flexible pipe* li kien tahom Ranson stess. Qal li fil-fehma tiegħu l-*geyser* qatt ma messu twaħħal fuq il-*cupboards* tal-kċina, u kien is-sid tad-dar li insista li l-*water heater* il-ġdid jitwaħħal fejn kien imwaħħal il-qadim.

## Is-Sentenza Appellata

10. Permezz tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, filwaqt li laqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti u kkundannat lill-intimat iħallasha s-somma ta' €6,868.95, u kkundannat lill-intimat iħallas ukoll is-somma ta' €50 bħala *excess* lir-rikorrent John Ranson, peress li rriżulta li dan kien l-ammont imħallas minnu bħala *excess* meta fetaħ il-*claim.* L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-imgħax fuq dawn l-ammonti għandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu, 2012, u l-ispejjeż tal-kawża kellhom jitħallsu mill-intimat. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "*8. Permezz tal-proċeduri odjerni, is-soċjetà attriċi qed titlob li l-konvenut jiġi ikkundannat iħallasha €6,868.95 rappreżentanti ħlasijiet li hija kellha tagħmel lill-attur u lid-ditta L.A. Services in konnessjoni ma' polza ta' assikurazzjoni u b'konsegwenza ta' inċident illi seħħ fit-13 ta' April, 2012 fid-dar tal-attur John Ranson assikurat mas-soċjetà attriċi. L-attur John Ranson qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €100 rappreżentanti* excess payment *minnu mħallas lis-soċjetà attriċi skont l-istess polza ta' assikurazzjoni.*
>
> *9. Il-konvenut iwieġeb għal din it-talba billi jgħid li huwa ma kienx negliġenti, li wettaq xogħlu skont l-arti u s-sengħa, u li għalhekk il-pretensjonijiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*
>
> *10. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Pierre Darmanin vs Moira Agius et*** *deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 9 Per Imħallef Philip Sciberras) elenkat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-kuntratt ta' appalt u rriteniet hekk:*
>
> 11. "(1) Bħala l-ewwel prinċipju huwa dottrinalment u ġurisprudenzjalment riċevut illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. *"L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacità*

*ordinaria*" **(Kollez. Vol. XXVII p.I p. 373)**. Dan fis-sens li hu "għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu" (**Kollez. Vol. XL p.I p. 485)**.
12.(2) "L-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina" **(Kollez. Vol. XXXVII p. III p. 883).** Għax kif jinsab ritenut ukoll "f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu 'l quddiem" (**Mario Blackman *vs* Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummerċjali, 27 ta' Marzu, 1972).

13(3) Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol (Kollez. Vol. XLI p. I p. 667) jew l-appaltatur ikun mexa skont l-*ispecifications* jew l-istruzzjonijiet lilu mogħtija mill-kommittent. "*E' dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidità e contrarii alle buone regole dell'arte*". **(Kollez. Vol. XXV P.I p. 727).** Kif aħjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jagħti lill-appaltant opra sodisfaċenti, u ma jistax jallega li x-xogħol sar mhux sewwa għax hu għamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirreżisti għal kwalunkwe intromissjoni mill-kommittent" (**Kollez. Vol. XLII p.II p. 1003)**.

14(4) Huwa paċifiku wkoll illi l-ħlas tal-prezz tal-appalt jew il-ħlas akkont ma jfissrux neċessarjament approvazzjoni tax-xogħol jekk dan fil-fatt ikun jirriżulta difettuż (**Kollez. Vol. XLI p.II p. 892)**;

15(5) Meta allura jirriżultaw dawn id-difetti, kif ċertament hu l-każ in ispeċje, l-appaltatur jitqies in kolpa minħabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, tal-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt" **(Kollez. Vol. XXXVIII p.I p. 292)**;

*16. Ġie wkoll ritenut li l-appaltatur għandu dejjem jeżegwixxi l-appalt skont l-arti u s-sengħa u għandu l-obbligu li jiggarantixxi mhux biss il-kwalità tax-xogħol tiegħu iżda wkoll l-idoneità tal-materjal minnu użat. Għalhekk l-appaltatur huwa responsabbli għall-għażla tal-materjal indipendentement mill-fatt li huwa jingħata struzzjonijiet mill-kommittent sabiex juża materjal inferjuri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi noe**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 10 Per Imħallef Philip Sciberras) fit-28 ta' Mejju, 2003 ġie ritenut illi:*

17. "Issa qabelxejn jinsab akkolt fil-ġurisprudenza tagħna illi f'xi każijiet meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma jfornixxi wkoll materjal u attrezzaturi, dan l-appalt jista' jiġi ekwiparat b'affinità mal-bejgħ. **(Vol. XL P. II p. 883)**.

18 F'kull każ però dan ma jeliminax il-fatt illi min jintraprendi biċċa xogħol hu obbligat u jitqies dejjem responsabbli li jagħti opra sodisfaċenti (**Vol. XLII P.II p. 1003)**. Din ir-responsabbilità tikkolpixxi mhux biss xogħol ħażin imma anke xogħol eżegwit b'materjal ħażin. Tant dan hu hekk li dejjem skont il-ġurisprudenza affermata l-appaltatur hu tenut jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu **(Vol. XXXV P. III p. 528)** kif ukoll il-bontà tal-materjal adoperat **(Vol. XXX IX P.I p. 442)**."

19 *Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-konvenut ma jistax jeħles mill-obbligi tiegħu naxxenti mill-appalt billi jallega li l-*pipe *li sussegwentement irriżulta li kien difettuż kien ġie provdut lilu mill-kommittent. Dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel lok, din l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata. Meta John Ranson xehed f'dawn il-proċeduri huwa bl-ebda mod ma kkonferma li kien hu li issupplixxa l-*pipe *lill-konvenut. Għall-kuntrarju, din l-allegazzjoni kienet ġiet rifjutata minn Ranson stess ftit jiem wara li seħħ l-inċident u dan kif jirriżulta mir-rapport ta' James Magri datat 20 ta' April, 2012 fejn hemm indikat illi,* "Mr Vella then argued that the pipe in question was in fact supplied to him by Mr Ranson. Mr Ranson has denied this." *(fn. 11 ara r-rapport a fol. 18 tal-proċess).*

20 *Fil-fatt fix-xhieda tiegħu l-konvenut jgħid li Ranson tah iż-żewġ pajpijiet, li wieħed minnhom tqaċċat, minn ġo kaxxa fejn kellu iżjed pajpijiet bħat-tnejn li tah, għaliex kien waħħal dawn il-pajpijiet x'imkien ieħor, imbagħad qalagħhom. Huwa jgħid hekk,* "Kellu iżjed pajpijiet ġol-kaxxa jiġifieri minnhom". *(fn. 12 ara fol. 74 tal-proċess). Fl-istess waqt, meta nqala' l-inċident, il-konvenut jgħid li hu staqsa lil Ranson jekk kellux pipe ieħor, u dan wieġbu fin-negattiv, u allura mar xtara pipe ġdid u biddel dak li nkiser (fn. 13 ara fol. 70 tal-proċess). Loġikament, jekk hu vera dak li qal il-konvenut li Ranson kellu iżjed pajpijiet fil-kaxxa, Ranson kien imur iġib il-kaxxa u l-konvenut kien juża wieħed mill-pajpijiet l-oħra li kien hemm fil-kaxxa. Fid-dawl ta' din il-kontradizzjoni fix-xhieda tal-konvenut stess, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-verżjoni ta' Ranson li huwa ma ssupplixxiex il-*pipe *in kwistjoni lill-konvenut, hija dik veritiera.*

21 *Fit-tieni lok, il-konvenut qua appaltatur jibqa' f'kull każ responsabbli għall-garanziji legali naxxenti mill-appalt sottoskritt minnu. Huwa paċifikament ritenut illi l-appaltatur jibqa' dejjem responsabbli li jippresta opra sodisfaċenti u huwa obbligat jirreżisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent. Dan ifisser illi anke jekk għall-grazzja tal-argument biss din il-Qorti taċċetta li huwa ġie kommissjonat biex juża prodott li wara rriżulta li ma kienx adattat għall-użu li kien intiż għalih, dan il-fatt ma jeżonerax lill-konvenut mill-obbligi tiegħu li jagħmel xogħlu skont l-arti u s-sengħa. Bħala l-persuna tas-sengħa, il-konvenut messu kien jaf li l-installazzjoni ta'*

*prodott użat kien ser iżid ir-riskju li l-prodott ma jservix daqs wieħed ġdid, tenut kont tal-effetti magħrufa li l-ilma għandu fuq il-metall u għalhekk jirrenduh aktar dgħajjef mal-medda taż-żmien. Bl-għażla tiegħu li jipproċedi bl-installazzjoni ta' dan il-prodott użat, il-konvenut espona lill-kommittent għal riskju akbar minn dak li kien ikun espost għalih li kieku l-*pipe *kien wieħed ġdid. Hija sinifikanti x-xhieda mogħtija minn James Magri li f'dan ir-rigward qal hekk: "*Dan il-*flexi pipe* jiena deherli li ma kienx ġdid għax ġo fih kien hemm il-ġebla jiġifieri l-*flexi pipe* huwa wkoll imqaċċat jiġifieri għandu l-parti tal-kamin hija mqaċċta minnu u għalhekk ovvjament ħareġ l-ilma." *(fn. 14 ara x-xhieda ta' James Magri a fol. 46 tal-proċess)*

22 *Fit-tielet lok, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss ikollha tiġi aċċettata l-verżjoni tal-konvenut li kien il-kommittent li issupplih b'dan il-prodott, xorta waħda jibqa' l-fatt li fuq ammissjoni tiegħu stess huwa kien eżamina dan il-*pipe *u ċċertifikah bħala idoneju għall-iskop intiż, u konsegwentement il-konvenut kien qiegħed jiggarantixxi l-idoneità tal-istess prodott. L-obbligu tal-konvenut kien dak illi jwettaq xogħlu b'mod tajjeb, skont l-arti u s-sengħa u b'garanzija għall-utilità u l-bontà tal-istess xogħol eżegwit minnu, xi ħaġa li fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut naqas milli jagħmel.*

23 *Finalment għandu jiġi sottolineat fattur ieħor li kkontribwixxa b'mod dirett fil-kwantità tal-ħsara sofferta mill-kommittent, u ċioe l-fatt li l-*water heater *ġie installat fuq il-*cupboards *tal-kċina. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed li huwa kien ta parir lil John Ranson li l-*water heater *ma jiġix installat fuq il-*cupboards *iżda fil-garaxx li kien adjaċenti mal-kċina. Il-konvenut xehed ukoll li solitament il-*water heater *jitqiegħed taħt is-sink, bl-iskop li fl-eventwalità li tiżviluppa xi ħsara l-ilma jispiċċa mill-ewwel fl-art u mhux ixarrab l-għamara kollha tal-kċina. Apparti l-fatt li John Ranson jiċħad kategorikament li qatt sar xi suġġeriment bħal dan qabel ma saret l-installazzjoni u li kien biss wara li seħħ l-inċident li l-konvenut kien ħareġ b'din il-proposta, fi kwalunkwe każ ladarba d-dettami tal-arti u s-sengħa kienu jesiġu li l-*water heater *ma jistax jiġi installat fuq il-*cupboards*, anke jekk il-kommittent insista mal-konvenut biex jagħmel hekk, il-konvenut kien obbligat li jirrifjuta li jipproċedi bl-installazzjoni.*

24 *Mir-rapport ta' James Magri jirriżulta li l-għamara li ma ġietx milquta mill-ħsarat ikkawżati minn din il-perkolazzjoni kienet f'persentaġġ inferjuri għal għoxrin fil-mija (20%), ħsara li setgħet faċilment tiġi evitata li kieku l-*water heater *ġie installat f'parti aktar baxxa tal-kċina jew f'lok ieħor maqtugħ mill-għamara tal-kċina. Għalhekk id-deċiżjoni tal-konvenut li jipproċedi bl-installazzjoni fuq il-*cupboards *kellha impatt dirett fuq l-entità tal-ħsarat, u l-ipotesi li huwa mexa mal-istruzzjonijiet tal-kommittent ma tistax teżonerah mill-obbligu tiegħu li jwettaq*

*xogħlu skont l-arti u s-sengħa. Il-konvenut naqas mill-obbligu tiegħu li fl-esekuzzjoni tal-appalt juri perizja u jaġixxi bid-diliġenza u l-prudenza ta'* bonus paterfamilias*, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali.*

25 *F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza ukoll għall-*email *mibgħuta mill-attur John Ranson lill-avukat difensur tal-konvenut u li permezz tagħha huwa ddikjara li l-konvenut ma għandux jinżamm responsabbli għal dan l-inċident. Fl-ewwel lok, din l-*email *li ġġib id-data tat-8 ta' Awwissu, 2012 intbagħtet minn John Ranson wara li huwa kien irċieva mingħand l-istess soċjetà attriċi l-ħlas relattiv għal dan il-każ u wara li kienet avverat ruħha s-surroga. Għalhekk meta għamel din id-dikjarazzjoni l-attur ma kienx baqalu interess biex jitlob il-ħlas tad-danni mingħand il-konvenut, u tali dikjarazzjoni ma għandha ebda effett fuq il-jedd tas-soċjetà attriċi li titlob ir-rimbors tad-danni mħallsa. Fit-tieni lok, minkejja din id-dikjarazzjoni, l-attur John Ranson xorta intavola dawn il-proċeduri fejn qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-*excess payment. *Fit-tieni lok, l-affermazzjoni kontenuta fl-istess* email *li din il-ħsara kienet ikkawżata minn "*a flexible hose which must have been badly manufactured" *ma tirriżultax mill-atti proċesswali. Dak li jirriżulta huwa li l-konvenut għamel użu minn prodott li ma kienx idoneju għall-użu intiż, u li pproċeda bl-installazzjoni tal-*water heater *f'lok li ma kienx konformi mas-sengħa u l-arti. Fir-raba' lok, ma nġabitx l-iċken prova li Ranson huwa intiż, inqas u inqas espert, fix-xogħol tal-*plumbing*, u għalhekk ċertament mhux persuna idonea biex tesprimi opinjoni jekk il-konvenut kienx negliġenti fix-xogħol tiegħu, jew le.*

26 *Għal dak li jirrigwarda t-talba ta' John Ranson għall-ħlas tas-somma ta' €100 rappreżentanti* excess payment*, mix-xhieda ta' Andrew Pizzuto jirriżulta li l-ħlas magħmul minn John Ranson kien fis-somma ta' €50 u mhux €100 (fn. 15 ara x-xhieda ta' Andrew Pizzuto a fol. 9 tal-proċess). Għaldaqstant it-talba ta' John Ranson tista' tintlaqa' biss sa dan l-ammont.*

***Konklużjoni***

*27 Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:*

*1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;*

*2. Tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi Mapfre Middlesea Insurance plc is-somma ta' sitt elef, tmien mija u tmienja u sittin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€6,868.95);*

*3. Tilqa' limitatament it-talba tal-attur u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur John Ranson is-somma ta' ħamsin euro (€50);*

*4. L-imgħax fuq iż-żewġ ammonti għandhom jibdew jiddekorru min-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Awwissu, 2012 sad-data tal-pagament effettiv;*

*5. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Lulju, 2012 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-rikors promutur, għandhom jiġu subiti mill-konvenut."*

## **L-Appell**

11. L-appellant ressaq l-appell tiegħu mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fis-27 ta' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

"*(i) tħassar u tirrevoka kompletament is-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 t'Ottubru, 2020 fl-ismijiet '*Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha John Ranson abbażi ta' polza tal-assikurazzjoni u tal-liġi u l-istess John Ranson, u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Ġunju, 2016, isem is-soċjetà attriċi ġie mibdul għal Mapfre Middlesea Insurance plc vs Emanuel Vella eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem E&M Installations' *u minflok tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut appellanti u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi jew alternattivament;*

*(ii) tirriforma l-istess sentenza fil-kap tal-likwidazzjoni u l-allokazzjoni tad-danni u dan billi tikkundanna lill-esponent iħallas danni fi* quantum *ħafna anqas u li huwa ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ;*

*u dan bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi appellati."*

12. L-appellant spjega li huwa ħass ruħu aggravat bis-sentenza appellata għaliex fil-fehma tiegħu l-appellat Ranson assuma ċertu riskju meta huwa għażel li l-*water heater* jitwaħħal fuq il-*cupboards* tal-kċina, u dan minkejja li kien ingħata parir biex ma jagħmilx dan, u allura huwa l-appellat Ranson li għandu jġorr parti mill-ħtija għall-inċident, jew almenu jġorr parti mill-ħtija

kontributorja. L-appellant qal li mill-atti jidher ċar li l-parir li ngħata Ranson kien li l-*geyser* kellu jew jitwaħħal fil-*garage* aġjaċenti, jew almenu jekk Ranson riedu fil-kċina, il-*geyser* kellu jitwaħħal viċin l-art. L-appellant qal li kien Ranson li insista li l-*geyser* kellu jitwaħħal fl-istess post fejn kien hemm il-*geyser* l-qadim, anzi ried li dan jiċċaqlaq ftit aktar 'il ġewwa, u kien għalhekk li l-intimat kellu jagħmel użu minn *pipe* li tah Ranson stess, għaliex il-pajpijiet li kellu hu, ma kinux twal biżżejjed. L-appellant qal li l-assikurat tas-soċjetà appellata ried ibiddel il-*geyser* il-qadim għaliex kien ittaqqab, u huwa kien ikkuntattja lill-appellant wara li dam ħiereġ l-ilma lejl sħiħ, u kienet diġà saret ċerta ħsara fil-kċina ta' Ranson. L-appellant qal li minkejja l-ewwel inċident, Ranson xorta waħda baqa' jinsisti li ried il-*geyser* fl-istess post fejn kien hemm imwaħħal il-*geyser* il-qadim. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi astratta u distakkata mir-realtà, partikolarment għax din ma tqisx il-mod kif isir ix-xogħol, kif ukoll għaliex tinjora paraguni li joħorġu mil-liġi, fejn minkejja li l-klijent ikun inkariga professjonisti biex jagħmlu x-xogħol, il-klijent jiddeċiedi li jassumi ċerti riskji meta jinjora l-parir li jkun ingħata. Qal li l-liġi tagħna tippermetti l-assunzjoni tar-riskju mill-klijent anki fil-kuntest tat-trasferiment tal-immobbli, iżda l-Ewwel Qorti f'dan il-każ iddeċidiet li persuna li taħdem bħala *plumber* għandha ġġorr responsabbilità b'mod assolut u kategoriku anki meta l-klijent jagħżel li jmur kontra l-parir tekniku li jkun ingħata. Qal li din mhijiex sitwazzjoni fejn persuna riedet tassumi *shortcuts* fil-mod kif isir ix-xogħol, iżda aktar dwar il-kunċett tal-minimizzazzjoni tad-dannu. Qal li ftit ġranet qabel Ranson kien għadda minn inċident simili fejn kellu ħruġ tal-ilma fil-kċina tiegħu, u fejn ġie kkawżat dannu sostanzjali għaliex l-ilma beda nieżel fuq il-*cupboards* tal-kċina. Qal li għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet

ħażin meta skartat il-fatt li Ranson għandu jġorr parti mill-ħtija minħabba l-kontributorjetà tiegħu fil-mod kif seħħ dan l-inċident. Qal li sa ċertu punt jista' jiġi argumentat ukoll li s-soċjetà appellata kellha raġunijiet validissimi fil-liġi sabiex ma tkoprix il-*claim* dwar it-tieni inċident li seħħ taħt il-polza, peress li dan l-inċident kellu l-istess dinamika tal-inċident li seħħ ftit ġranet qabel meta ttaqqab il-*water heater* il-qadim. L-appellant qal li kien prevedibbli għal Ranson li f'każ li jerġa' jkun hemm ħruġ ta' ilma, l-entità tal-ħsara kienet ser terġa' tkun waħda kbira. L-appellant qal ukoll li huwa preċett tal-liġi li l-parti dejjem għandha l-obbligu li timminimizza d-dannu, u għalhekk għandu jirriżulta lill-Qorti li l-assikurat tas-soċjetà appellata kien ppersista fl-iżball. L-appellant qal ukoll li f'dan il-każ is-soċjetà appellata pproċediet kontra tiegħu għaliex meta ttaqqab il-*water heater* hija ma setgħetx tipproċedi kontra xi ħaddieħor. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu din il-Qorti għandha talloka l-ħtija billi jew tiddikjara li l-inċident seħħ ħtija ta' Ranson jew alternattivament taqsam il-ħtija b'mod li jagħmel sens u li jkun ġust u ekwu.

13. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti qieset u allokat il-*quantum* tad-danni b'mod żbaljat. Qal li dan l-inċident ma kienx l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, u meta ttaqqab il-*geyser* fil-proprjetà ta' Ranson, it-tnixxija tal-ilma damet għaddejja lejl sħiħ, u għalhekk kien ovvju li kienet laħqet saret ħsara konsiderevoli fil-kċina. Qal li ladarba mill-provi ma kienx possibbli li tiġi individwata l-ħsara li seħħet fiż-żewġ episodji, il-ġustizzja kienet titlob li l-Ewwel Qorti tapporzjona d-danni *arbitrio boni viri,* b'mod li tal-anqas ir-responsabilità għal nofs id-danni taqa' fuq l-appellat u għan-nofs l-ieħor taqa' fuq l-appellant. L-appellant qal li dan l-argument qed isir mingħajr

preġudizzju għad-difiżi l-oħrajn tiegħu, u f'dan il-każ kien jinkombi fuq is-soċjetà appellata u fuq l-assikurat tagħha sabiex tindika xi ħsara kienet ġiet ġarrbet il-kċina meta kien ittaqqab il-*water heater,* qabel daħal fix-xena l-appellant. Qal ukoll li l-iskop tal-liġi dwar id-danni ċivili hija li jiġi assigurat ir-*restitutio in integrum* patrimonjali għad-danneġġjat u mhux li dan jagħmel profitt mill-inċident. L-appellant qal li dimensjoni oħra ta' dan l-argument huwa, li f'każ li huwa ser jintalab iwieġeb għad-danni, dawn għandhom ikunu marbutin ma' kif kien l-istat tal-kċina meta huwa ssejjaħ sabiex jinstalla *water heater* ġdid, jiġifieri wara li kien seħħ l-ewwel inċident. Qal li jkun inġust, pervers u anti-ġuridiku li huwa jintalab iħallas kumpens anki fir-rigward tad-danni naxxenti mill-ewwel inċident, li ma kellu l-ebda involviment fih, aħseb u ara kemm kellu ħtija. Qal ukoll li huwa għandu diffikultà jaċċetta li l-Ewwel Qorti ordnatlu jħallas id-danni li jirrappreżentaw il-valur ta' kċina ġdida fjamata, meta ma nġabet l-ebda prova mid-danneġġjat li l-kċina verament kienet waħda ġdida. Qal li fin-nuqqas ta' tali prova, li kienet tinkombi fuq l-appellati, u ladarba l-kċina kienet diġà installata fuq il-post, il-preżunzjoni hija li din ma kinitx waħda ġdida. Qal ukoll li hawn japplika l-prinċipju li d-danneġġjat għandu jiġi kkumpensat għat-telf li attwalment ġarrab, jiġifieri l-valur tal-kċina fil-mument tal-event dannuż, u mhux li jsir gwadann minn dan l-inċident, billi huwa jintalab jagħmel tajjeb għall-valur ta' kċina ġdida fjamanta mingħand ditta rinomata tal-għamara. L-appellant qal li għalhekk fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tagħha dwar il-*quantum* tad-danni u l-allokazzjoni tal-istess, u għalhekk jisħaq li dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu indirizzati minn din il-Qorti.

14. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti kienet severament żbaljata fl-apprezzament tagħha ta' kwistjonijiet fattwali ta' importanza ċentrali għall-kawża, u żied jgħid li fil-fehma tiegħu jekk l-apprezzament fattwali li sar mill-Ewwel Qorti ma jiġix indirizzat minn din il-Qorti ta' reviżjoni, ser issir inġustizzja gravi miegħu. Qal li meta l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għall-*email* mibgħuta minn Ranson fit-8 ta' Awwissu, 2012, din kienet żbaljata fejn qalet li ma jirriżultax mill-atti li Ranson ddikjara li l-ħsara seħħet peress li l-*flexihose* kien difettuż mill-fabbrika. L-appellant jgħid li tabilħaqq fl-email tat-8 ta' Awwissu, 2012, Ranson jgħid li *"(the) flexihose must have been badly manufactured",* imma din kienet biss asserzjoni li għamel Ranson, u fi kwalunkwe każ kellu jkun ovvju għall-Ewwel Qorti li dan il-*pipe* ma kienx manifatturat mill-appellant. L-appellant żied jgħid li filwaqt li l-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda mogħtija minnu taħt ġurament, fl-istess ħin straħet fuq dak li qal James Magri fir-rapport tiegħu, fejn dan qal li John Ranson ċaħad li huwa kien ipprovda l-*pipe* inkwistjoni lill-appellant. Qal li dak li Ranson qal lis-*surveyor* ma jiswa għal xejn, għaliex l-unika xhieda li tiswa skont il-liġi hija dik li tingħata b'mod dirett u taħt ġurament. Qal li kieku Ranson ried jistqarr xi fatti dwar il-pajpijiet, huwa kellu kull ċans jagħmel dan fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u jekk huwa naqas li jagħmel dan, *imputet sibi.* L-appellant qal li n-nuqqasijiet serji fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, li jinkludu saħansitra l-ħarsien tal-aktar preċetti fundamentali regolanti l-proċess ġudizzjarju, ikomplu jseddqu r-raġuni għalfejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi skartata għalkollox jew għall-anqas tiġi riformata.

**Ir-risposta tal-appell**

15. L-appellati fir-risposta tagħhom wieġbu li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma, u l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha esklussivament abbażi ta' apprezzament tal-provi li pproduċew il-partijiet għall-ġudizzju tagħha. Kompliet tgħid li l-Ewwel Qorti siltet il-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri, billi analizzat u għamlet riferiment għall-evidenza dokumentarja u testimonjali li kienet ippreżentata fil-kawża, u minn qari tas-sentenza għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi b'dixxerniment u dehen. Qal ukoll li Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tidħol biex tissindika l-apprezzament tal-provi li jsir mill-Ewwel Qorti, u għandha tagħmel dan biss fejn jirriżulta li l-Ewwel Qorti tkun użat id-diskrezzjoni tagħha b'mod ħażin. Qalu li fil-fehma tagħhom dak allegat mill-appellant, li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-provi, mhuwiex veritier. L-appellati spjegaw li mill-provi jirriżulta li l-appellant kien ġie inkarigat minn John Ranson sabiex ibiddel *water heater* fir-residenza ta' Ranson stess, u madwar ġimagħtejn wara li sar dan ix-xogħol, inqasam *pipe* imwaħħal mill-appellant mal-*water heater*, bir-riżultat li l-kċina ta' Ranson għerqet fl-ilma, u kien hemm ħafna ħsara fl-għamara. L-appellati żiedu jgħidu li l-appellant qiegħed jargumenta li kien hemm żewġ episodji ta' ħruġ ta' ilma, u għalhekk wieħed ma jistax jistabbilixxi b'ċertezza l-ħsara meta seħħet eżattamet. Qalu li dak li qiegħed jingħad mill-appellant mhuwiex minnu u lanqas ma jirriżulta mill-provi, u kuntrarjament għal dak li qiegħed jgħid l-appellant, l-ilma ħareġ darba biss, u wara li saru x-xogħlijiet mill-appellant. L-appellati qalu li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta, wara li għamlet l-

apprezzament tax-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati, ikkonkludiet li l-ilma ħareġ mill-*water heater* darba, jiġifieri fit-13 ta' April, 2012, madwar ġimagħtejn wara li l-appellant installa l-*water heater* il-ġdid fid-dar ta' Ranson. L-appellati qalu li huwa biss l-appellant li qiegħed jinsisti li kien hemm ħruġ ta' ilma darbtejn, u din il-verżjoni tal-fatti tal-appellant mhijiex korroborata b'xi mod.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti allokat id-danni wara li kkonsidrat il-provi kollha li kellha quddiemha. Qalu wkoll li meta l-Ewwel Qorti użat d-diskrezzjoni tagħha fl-allokazzjoni tad-danni, qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax din id-diskrezzjoni, sakemm ma jkunx jidher ċar li jeżistu motivi ta' ċerta gravità. Qalu wkoll li f'dan il-każ il-*quantum* tad-danni rikjesti ġie ppruvat mill-appellati, u jinsab sostnut mid-dokumentazzjoni relattiva.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravji sollevati mill-appellant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza appellata, u fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellati.

*L-Ewwel Aggravju:* *l-appellat assuma ċertu grad ta' riskju meta għażel li l-*water heater *jitwaħħal fuq l-*cupboards *tal-kċina, l-element ta' ħtija kontributorja*

18. L-appellant jgħid li hemm element ta' kontributorjetà da parti tal-appellat fir-rigward tal-akkadut, u dan għaliex meta l-appellant kien intalab jinstalla l-*water heater* il-ġdid minflok dak qadim li kien ittaqqab, huwa kien ta parir lill-appellat sabiex il-*water heater* jitwaħħal fil-garaxx aġjaċenti jew inkella f'post viċin l-art u mhux fuq l-*cupboards* tal-kċina fejn kien qabel. L-appellant qal li meta huwa mar biex ibiddel il-*water heater* il-qadim, huwa kien sab li l-*water heater* l-qadim kien ikkawża nixxiegħa ta' ilma, bir-riżultat li l-ilma li ħareġ l-ewwel darba kien diġà kkawża xi ħsarat fl-għamara tal-kċina. Qal li minkejja li diġà kien seħħ l-ewwel inċident, Ranson baqa' jinsisti li huwa ried li l-*water heater* il-ġdid jeħel preċiżament fl-istess post fejn kien hemm il-qadim, iżda ftit aktar 'il ġewwa. Qal li kien Ranson li insista dwar dan, u għalhekk dan għażel li jieħu riskju, minkejja li ftit ġranet qabel kien sofra inċident simili u għalhekk l-inċident kien prevedibbli għalih.

19. Il-Qorti tqis li huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-appellant kien intalab imur fid-dar ta' Ranson sabiex jagħmel xi xogħlijiet, fosthom l-installazzjoni ta' tank tal-ilma fuq il-bejt u tibdil ta' *water heater* li kien hemm fil-kċina, peress li l-*water heater* li kien hemm oriġinarjament kien ittaqqab. Imma mill-provi ma jirriżultax li l-ewwel darba li l-appellant intalab imur fuq il-post sabiex jibdel il-*water heater* il-qadim, kien hemm ħafna ilma fil-kċina, u l-ilma li ħareġ kien ikkawża xi ħsarat. Normalment wieħed jinduna li *water heater* ikun ittaqqab għaliex jibda jnixxi l-ilma, imma f'ċirkostanzi normali n-nixxiegħa tal-ilma ma tkunx waħda b'saħħitha. Il-Qorti mhix ser tieħu pożizzjoni jew tesprimi ruħha dwar xi ħaġa li ma tirriżultax mill-provi, imma ċertament is-sens komun kien jiddetta li *water heater* ma jitpoġġiex f'post fejn jekk jittaqqab jew ikollu xi ħsara, jista' jikkawża ħsara fl-affarijiet li jkun hemm taħtu. Mill-provi jirriżulta li

dan l-inċident seħħ fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, u għad li sid il-proprjetà induna b'li kien ġara f'temp ta' ftit ħin, u għaraf jikkuntattja lill-appellant mill-ewwel, l-ilma li ħareġ kien biżżejjed biex jikkawża ħafna ħsara għaliex taħtu kien hemm *cupboards* tal-injam u diversi *appliances* li jaħdmu bid-dawl li kollha kellhom jinbidlu. Il-ħsara ma kinitx tkun l-istess li kieku l-*water heater* tpoġġa viċin l-art kemm jista' jkun jew f'kamra oħra fejn kien hemm inqas għamara jew tagħmir li setgħet tiġrilhom il-ħsara. Ċertament li kien hemm kontributorjetà da parti tal-appellat Ranson fil-grad ta' ħsara sofferta minnu, partikolarment meta ftit ġranet biss qabel huwa kellu inċident simili meta kellu jibdel il-*water heater* il-qadim għaliex kien ittaqqab.

20. Wieħed jista' jargumenta li l-assikurat tas-soċjetà appellata ma setax jipprevedi li l-*flexipipe* li ntuża kien ser jiżviluppa xaqq, iżda huwa fatt magħruf li f'pajjiżna *appliances* bħall-*water heaters* ma jservux tul ta' żmien, anki minħabba l-kwalità tal-ilma, u għalhekk kien jinkombi fuq sid il-proprjetà l-oneru li jieħu ħsieb jinstalla l-*water heater* f'post li l-inqas jikkawża ħsara jekk dan jiżviluppa xi problema. Kemm l-appellant kif ukoll ibnu xehdu li huma talbu lil Ranson biex jinstalla il-*water heater* f'post ieħor, iżda dan baqa' jinsisti li riedu fuq l-*cupboards* tal-kċina. Din il-Qorti tqis li din l-għażla da parti tas-sid tal-proprjetà kienet waħda li turi grad ta' irresponsabbilità li għandu iwieġeb għaliha, u għalhekk lil hinn minn konsiderazzjonijiet oħra dwar kif seħħ l-inċident, qiegħda tiddetermina li Ranson għandu jwieġeb għal 50% tal-ħtija għall-ħsara sofferta minnu. Lil hinn minn konsiderazzjonijiet oħra dwar kif seħħ l-inċident, dwar jekk il-*pipe* li ntuża kienx ġdid jew kienx użat diġà, jekk dan il-*pipe* inxtarax mill-appellant jew kienx ipprovdut mill-appellat Ranson, il-Qorti

tqis li l-ħsara sofferta kienet daqshekk kbira sempliċement għaliex il-*water heater* tpoġġa fl-inqas post idoneu għalih, u dan fuq insistenza tas-sid tal-fond. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li nkiteb fis-sentenza fl-ismijiet **Camilleri *vs.* Direttur tal-Edukazzjoni**[3], fejn ġie kkwotat l-awtur *Buckley, 'The Modern Law of Negligence':*

> *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."*

21. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galdes *vs.* Victor Micallef**[4], il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "voldieri, huwa dejjem imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm ħtija kontributorja da parti tad-danneġġjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa għal jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab sew jekk id-danneġġjanti jkunu kkaġunaw id-danni b'semplċi kolpa jew anke b'dolo, mingħajr ebda regola prestabbilita mil-liġi stess li tistabbilixxi l-proporzjon għal nofs jew frazzjoni oħra. Kollox f'kull każ jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. B'dana kollu s'intendi tibqa' valida bħala massima prattika ta' bons sens li din il-Qorti applikat diversi drabi f'kawżi ta' danni, fis-sens illi, "*it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned equally."*

Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju parzjalment, u qiegħda tiddeċiedi li s-sid tal-fond għandu jwieġeb għal 50% tal-ħsara, għaliex kienet id-deċiżjoni tiegħu dwar fejn għandu

[3] Qorti tal-Appelli Ċivili, (Superjuri), 01.12.2006.
[4] Qorti tal-Appelli Ċivili, (Superjuri), 20.01.1964.

jitpoġġa l-*water heater* inkwistjoni li kkontribwixxa għall-ħsara sostanzjali li saret.

*It-tieni aggravju:* *l-Ewwel Qorti qieset u allokat il-*quantum *tad-danni b'mod żbaljat*

22. L-appellant jgħid li dan ma kienx l-ewwel incident fejn kien ħareġ l-ilma minn *water heater* installat fil-fond ta' Ranson, u anki dakinhar li ttaqqab il-*water heater* il-qadim, kien hemm ħsarat fil-kċina. L-appellant qal li minkejja dan, ma kinux ġew ikkwantifikati jew identifikati dawn id-danni, u għalhekk kienet żbaljata l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li huwa għandu jagħmel tajjeb u jwieġeb għall-ħsara kollha li kien hemm, għaliex huwa ċertament li ma kellu x'jaqsam xejn mal-ewwel inċident.

23. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-appellant kien l-uniku xhud li qal li meta mar biex ibbiddel il-*water heater* il-qadim, huwa seta' jikkonstata li kien hemm diġà xi ħsarat fil-kċina ta' Ranson. Minkejja din l-asserzjoni, ma nġabet l-ebda prova ta' dan, imqar fil-forma ta' ritratti li juru li l-kċina kienet diġà sofriet diversi ħsarat kif jallega l-appellant. Din il-Qorti tifhem u tapprezza li l-appellant ma setax jipprevedi li kien ser jispiċċa involut f'kawża bħal din, partikolarment meta ntalab imur fil-fond tal-appellat biex ibiddel il-*water heater* il-qadim, u għalhekk m'hemm xejn straordinarju li dan naqas milli jieħu ritratti tal-ħsarat li ra fil-kċina meta mar ibbdel il-*water heater.* Iżda fin-nuqqas ta' prova konkreta li meta mar biex ibiddel il-*water heater* huwa sab li l-kċina kienet mgħerrqa bl-ilma, jew li l-għamara tal-kċina kienet diġà sofriet diversi ħsarat, il-Qorti ma tistax minn jeddha tiddeċiedi li l-għamara tal-kċina kienet diġà sofriet ħsara konsiderevoli, jew li meta ttaqqab il-*water heater* il-qadim, ħarġet kwantità ta'

ilma minnu, għaliex dwar dan ma ntqal assolutament xejn mix-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti. Dak li ma jirriżultax mill-atti ma jistax jiġi preżunt, u għalhekk il-Qorti sejra twarrab din is-sottomissjoni tal-appellant.

24. L-appellant jgħid ukoll li f'kawżi simili, id-danneġġjant għandu jiġi kkumpensat għat-telf attwali li jkun ġarrab, u f'dan il-każ l-appellat ma ġab l-ebda prova dwar il-valur tal-kċina fil-mument meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Qal li f'kull każ l-appellat ma kellux jagħmel gwadann mill-inċident, mhux kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti li l-appellant għandu jħallas il-valur ta' kċina ġdida. Il-Qorti tqis li minkejja li jirriżulta li l-appellat kien ilu assikurat mas-soċjetà appellata għal aktar minn tlieta u għoxrin sena, ma kien hemm l-ebda prova dwar il-valur tal-kċina inkwistjoni fid-dokumenti miżmuma mis-soċjetà assikuratriċi, u lanqas ma nġabet prova jew irċevuta dwar il-prezz li bih Ranson kien xtara l-kċina. Din il-prova kienet diffiċli li tinġieb għaliex il-kumpannija li mingħandha nxtrat il-kċina, Fenton Cucine, kienet ġiet likwidata, u għalhekk l-unika prova tal-valur kien il-prezz li tħallas mill-assikurat tal-appellata għall-akkwist u x-xiri ta' kċina u *appliances* ġodda. Imma jirriżulta li l-kċina li kellha tinbidel kienet ilha installata madwar ħames snin, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tagħmel aġġustament minħabba d-deprezzament u t-telf tal-valur tal-għamara u l-*appliances,* li aktar ma jgħaddi żmien minn fuqhom aktar jitilfu mill-valur. Il-Qorti tqis li filwaqt li ġie stabbilit li l-prezz tal-akkwist tal-kċina u l-*appliances* il-ġodda kien ta' €6,256, kellu jsir tnaqqis ta' almenu 25% ta' dan il-valur, sabiex il-prezz ikun jirrispekkja l-fatt li l-għamara u l-*appliances* li kellhom jinbidlu, kienu ilhom installati fil-post aktar minn ħames snin. Huwa għalhekk li din il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni sofferti mill-

appellat fis-somma ta' €4,692, li magħhom iridu jiżdiedu l-ispejjeż tas-*surveyor* ammontanti għal €613 u l-€50 tal-*excess,* għal total ta' €5,355.

*It-Tielet Aggravju:* *apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti*

25. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta għamlet riferiment għal *email* mibgħuta mill-appellat, u qalet li minn imkien mill-atti ma jirriżulta li din il-ħsara seħħet minħabba difett fil-*flexipipe* li ntuża biex twaħħal it-tieni *water heater.* L-appellant qajjem dubji dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li ma kienx l-appellat li pprovda l-*flexipipe* li ntuża, imma kien l-appellant li pprovda l-*pipe* difettuż li kkawża l-ħsara.

26. Din il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, u minkejja li tqis li f'dan il-każ hemm kunflitt fil-provi dwar jekk kienx l-appellant li pprovda l-*pipe* li rriżulta li kien difettuż, jew inkella kienx sid il-proprjetà li pprovda dan il-*pipe,* li hu żgur huwa li dan il-*pipe* ma kienx idoneu, l-aktar għaliex ma kienx wieħed ġdid u għalhekk il-materjal tiegħu ma kienx fi stat pristin li wieħed jistenna meta jiġi installat tagħmir ġdid fi proprjetà. Kif irrilevat tajjeb l-Ewwel Qorti, huwa fatt magħruf li l-ilma ta' pajjiżna jikkawża diversi problemi fil-metall, u għalhekk l-appellant ma messu qatt aċċetta li jagħmel użu minn *pipe* li kien użat qabel. Dan il-fattur, ikkombinat mal-fatt li l-*water heater* ġie installat fl-inqas post ideali fil-kċina, wasslu għall-akkadut. Huwa għalhekk li din il-Qorti, filwaqt li tiċħad dan l-aggravju għaliex ma jirriżultalhiex li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-evalwazzjoni tal-provi li kellha quddiemha, qiegħda tikkonkludi li f'dan il-każ kien hemm element ta'

negliġenza kontributorja da parti ta' sid il-fond, u għalhekk l-appellant għandu jagħmel tajjeb biss għal nofs id-danni kkawżati.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-aggravji sollevati mill-appellant, billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel aggravju u tiddeċiedi li l-appellant għandu jwieġeb biss għal nofs il-ħsarat;**

**2. Kwantu għat-tieni aggravju, din il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni sofferti mill-appellat fl-ammont ta' €5,355 (€4,692 + €613 + €50), li minnhom l-appellant għandu jħallas in-nofs, jiġifieri l-ammont ta' elfejn, sitt mija u sebgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€2,677.50). Id-danni likwidati għandhom jitħallsu kwantu għal €2,652.50 lis-soċjetà appellata u €25 lill-appellat.**

**3. Tiċħad it-tielet aggravju tal-appellant.**

**Spejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza u ta' dan l-appell għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**